**M I N U T I**

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA**

**IT-TMIEN LEĠIŻLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 65**

8 ta' Mejju 2023

Il-ħamsa u sittin (65) seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar it-Tnejn 8 ta' Mejju 2023 fil-5.00pm. Il-laqgħa nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tad-Dar tal-Kunsill.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Vincent Borg | ( VB ) | Sindku |
| Is-Sur Albert Demarco | ( AD ) | Viċi Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Justine Palmier | ( JP ) | Kunsilliera |

SKUŻATI:-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjura Sandra Sammut Hili | ( SSH ) | Kunsilliera |

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI:-

Malcolm Agius Muscat Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

### 65.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

65.1.1. Is-Sindku VB ressaq ittra t'apoloġija mingħand il-Kunsilliera SSH li nformat li ma setgħetx tattendi minħabba raġunijiet mediċi. Il-Kunsill laqa' t-talba.

### 65.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

65.2.1. Is-Sindku VB ressaq il-minuti tal-erbgħa u sittin (64) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

65.2.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier JAE u issekondata mill-Viċi Sindku AD, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-minuti, bir-riżultat ikun:

Favur: 4 (JAE, AD, VB, JP)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

65.2.3. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 64.2.5 u staqsa jekk kienx hemm risposta rigward il-kaptelli tat-Telgħa tal-Kurċifiss. Is-SE qal li l-Kunsill kien bagħat lil Infrastructure Malta iżda għadu ma ngħatax tweġiba. Il-Kunsillier JAE talab li tintbagħat tfakkira.

65.2.4. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 64.2.8 u staqsa jekk il-Kunsill kienx irċieva risposta mill-Ministru Owen Bonnici rigward il-Fosos, u jekk kienx hemm xi risposta rigward il-fanali ornamentali. Is-SE nforma li ma kienx hemm risposta.

65.2.4.1. Is-Sindku VB qal li jixtieq ikun jaf min hu responsabbli f'każ li jinqala' xi ħaġa minħabba li n-nies għandhom il-perċezzjoni li l-Fosos huma responsabbiltà tal-Kunsill. Huwa qal li l-Kunsill jista' jagħmel ir-regolamenti hu jekk ikun devolut lilu.

65.2.5. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 64.2.9 rigward il-kamera tas-sigurtà ta' Bieb il-Bombi u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp. Is-SE wieġeb li sa dakinhar ma kienx għad hemm risposta. Il-Kunsillier JAE talab li tintbagħat tfakkira.

65.2.6. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 64.2.10 rigward is-sinjali tal-veloċità fi Triq Nazzjonali u fi Triq Sant'Anna. Is-SE qal li din ser tiġi diskussa iktar tard matul il-laqgħa minħabba li tinsab fuq l-aġenda.

65.2.7. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 64.2.11 rigward it-tabelli tal-Waterfront u staqsa jekk dawn kienux ġew ordnati. Is-Sindku fakkar ukoll fit-tabelli tal-monti. Is-SE qal li t-tabelli kienu ordnati iżda kienu għadhom ma waslux.

65.2.8. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 64.4.1 u staqsa jekk kienx hemm xi risposta rigward id dokumenti li ntbagħtu rigward ir-Riġenerazzjoni tal-Floriana. Is-SE qal li kien bagħat komunikazzjoni iżda sa dakinhar kien għadu ma rċieva xejn.

65.2.8.1. Is-Sindku qal li l-persuna li kienet inkarigata mir-riġenerazzjoni sfortunatament ma kienitx għadha hemm.

65.2.8.2. Il-Kunsillier JAE qal li minkejja dan, id-dokumenti xorta għadhom relevanti.

65.2.8.3. Il-Kunsill qabel li għandha tintbagħat tfakkira.

## 65.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

65.3.1. Is-Sindku qal li kien attenda laqgħa rigward l-istrateġija tal-gvern lokali li matulha l-kunsilli lokali ġew informati bl-attivitajiet kollha li ser isiru matul dik is-sena.

65.3.1.1. Huwa kompla billi semma xi attivitajiet oħra li ser isiru fl-okkażjoni tat-tletin sena mit-twaqqif tal-kunsilli lokali bħal open day għal kull kunsill lokali, eċċ.

65.3.1.2. Is-Sindku qal li ser jibda' jingħata parti mid-dħul iġġenerat mill-attivitajiet li ser jibdew isiru fil-lokalità, lil kunsill lokali rispettiv.

65.3.2. Is-Sindku ressaq kwotazzjoni għal upgrade tas-server tal-Kunsill li tammonta għal €1817.81. Il-Kunsill approva.

65.3.3. Is-Sindku ressaq kwotazzjonijiet rigward il-Ġnien ta' Dante. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jitlob kwotazzjonijiet oħra minħabba li l-istimi provduti ġew ikkunsidrati bħala għaljin wisq meta wieħed iqis ix-xogħol involut.

65.3.4. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand persuna li talbet ssir manutenzjoni fuq il-bankina ta' l-Istitut Kattoliku, kif ukoll li hemm bżonn jinqata' l-ħaxix ħażin. Il-Kunsill qabel li għandu jitkellem mal-Public Works filwaqt li jitlob lill-ħaddiema manwali jieħdu xi ritratti sabiex wieħed jara x'jista' jsir.

65.3.5. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-Young Stars Hockey Club fejn talab li jitneħħew tliet spazji ta' parkeġġ u minflokhom issir un/loading bay filwaqt li jiżdiedu xi spazji ta' parkeġġ oħra. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jiltaqa' mal-persuna konċernata kif ukoll jitkellem mal-entitajiet konċernati sabiex jara x'jista' jsir.

**Nota: 18:02 Il-laqgħa ġiet sospiża sakemm il-Kunsill laqa' lill-accountant tal-Kunsill.**

**18:16 Il-laqgħa tkompliet.**

65.3.6. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-Floriana Ajax fejn offra lill-Kunsill sabiex jorganizza presentation night b'mod konġunt. Il-Kunsill qabel bil-kundizzjoni li l-ispiża massima ma teċċedix €250.

65.3.7. Is-SE ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill għar-restrizzjonijiet finanzjarji li l-Kunsill għandu. Huwa irrefera għaċ-ċirkolari li titratta l-finanzjament pubbliċi għall-fondi tal-għaqdiet li telenka l-funzjonijiet tal-kunsilli lokali. F'din iċ-ċirkolari jingħad li ma jistgħux jintużaw fondi pubbliċi biex jiffinanzjaw għaqdiet lokali jew individwi biex jorganizzaw attivitajiet li ma jaqgħux taħt dawn il-funzjonijiet. Il-Kunsill innota dan.

65.3.8. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand individwu li xtaq jorganizza festin fi Ġnien Vilhena. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li jitkellem mal-persuna in kwistjoni u jingħataw il-kundizzjonijiet tas-soltu, partikularment li tinżamm l-indafa u li jinġiebu t-toilets.

65.3.9. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-Klabb tal-Boċċi.

65.3.9.1. Il-Kunsillier JAE issuġġerixxa li minflok, il-Kunsill jissuġġerixxi li tiġi organizza attività b'mod konġunt.

65.3.9.2. Is-Sindku qal li hu favur li jiġu organizzati attivitajiet flimkien biss huma qatt ma pproponew attività.

65.3.9.3. Is-SE qal li l-Kunsill ma jistax jiffinanzja l-ispejjeż tal-għaqdiet.

65.3.9.4. Is-SE qal li huwa importanti li l-għaqdiet ikunu jafu bil-benefiċċji li jkunu reġistrati bħala NGOs ħalli b'hekk jibbenefikaw minn fondi u jsibu l-għajnuna li għandhom bżonn.

65.3.10. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-Floriana Nursery li talbu li jagħmlu użu minn Ġnien Vilhena għal attività. Is-Sindku qal li din se taħbat mal-festin li ġie diskuss preċedentement. Wara li ddiskuta diversi alternattivi, il-Kunsill qabel li għandu jikkomunika mat-tnejn sabiex jara jekk xi ħadd minnhom jistax ibiddel il-ġurnata jew il-post.

65.3.11. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand l-Armata Ħadra Furjaniża li talbu lill-Kunsill joffrilhom il-kamra li hemm fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V għall-użu tagħhom. Il-Kunsill ma laqax it-talba iżda qabel li għandu jirreferihom għal Sport Malta jew għall-Ministeru ta' Clifton Grima sabiex isibu l-għajnuna li hemm bżonn.

65.3.12. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand Infrastructure Malta fejn informaw lill-Kunsill li l-materja kienet ġiet diskussa internament u ser jitkellmu mal-Perit Vassallo. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk il-Kunsill jistax isaqsi x'kien l-eżitu finali. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

65.3.13. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand persuna li lmentat rigward is-sitwazzjoni perikoluża li teżisti fit-Telgħa ta' Sa Maison.

65.3.13.1. Il-Kunsillier JAE ppropona li jkun hemm sinjali ta’ “no jaywalking”.

65.3.13.2. Il-Viċi Sindku AD ppropona li ssir zebra crossing sabiex in-nies ikunu jistgħu jaqsmu b’mod aktar sigur.

65.3.13.3. Is-Sindku qal li anke jagħmel sens li jkun hemm crash barriers fid-dawra speċjalment f’każ li jkun hemm xi aċċident.

## 65.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

65.4.1. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk il-Kunsill għandux xi risposta dwar il-funtana tal-Iljun. Is-Sindku qal li mill-informazzjoni li kellu, l-ispiża kienet telgħet għal madwar €150,000 u għalhekk kienu qed jistennew sabiex jiġu mgħoddija l-fondi mill-Ministeru tal-Finanzi ħalli x-xogħol jitkompla.

65.4.1.1. Il-Kunsillier JAE ppropona li tinħareġ stqarrija mill-Kunsill sabiex jiġi spjegat dawn id-dewmien u dan biex jitneħħa d-dell ikrah li qed jintefa’ intortament fuq il-Kunsill.

65.4.1.2. Il-Viċi Sindku AD għamel riferenza għal xi kummenti li nkitbu fuq il-midja soċjali u qal li jikkundanna bl-iktar mod b’saħħtu l-kummenti li saru kontra fuq is-Sindku. Huwa qal li huwa inġust kemm għas-Sindku kif ukoll għall-Kunsill meta jingħad ċertu diskors li ma jkunx minnu.

65.4.1.3. Il-Kunsill qabel li huwa importanti li hu jinżamm infurmat ġaladarba hu ma kienx responsabbli minn dan ix-xogħol u għalhekk ikun qed iwassal l-informazzjoni li tkun ikkomunikata lilu.

## 65.5 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-LAQGĦAT TA’ KUMITATI U/JEW SOTTOKUMITATI

65.5.1. Ma kien hemm l-ebda rapport ta’ laqgħat ta’ kumitati u/jew sottokumitati.

## 65.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA’ PAGAMENTI

65.6.1. Is-Sindku VB ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 48/08 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

65.6.1.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera JP u issekondata mill-Viċi Sindku AD, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta’ kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti, bir-riżultat ikun favur nem con.

65.6.2. Is-Sindku VB ressaq ir-rapport tal-petty cash.

65.6.2.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera JP u issekondata mill-Viċi Sindku AD, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tar-rapport tal-petty cash, bir-riżultat ikun favur nem con.

## 65.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-EWWEL KWART TAS-SENA

65.7.1. Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju tal-Ewwel Kwart tas-Sena.

65.7.2. Ir-rapport ġie approvat b'mod unanimu.

## 65.8 ATTIVITAJIET FIS-SAJF

65.8.1. Is-SE fetaħ il-materja billi preżenta lista t'attivitajiet li ser ikun hemm fuq il-Fosos matul il-perjodu tas-Sajf. Huwa qal li l-organizzaturi kienu qed jikkomunikaw bejniethom sabiex ma jkunx hemm problemi matul l-armar u ż-żarmar.

65.8.2. Il-Kunsillier JAE staqsa kemm qed ikun involut il-Kunsill f'dawn l-attivitajiet.

65.8.2.1. Is-SE qal li l-organizzaturi kienu mitluba jipprovdu dettalji ta' Contact person li tkun tista' tikkomunika mal-Kunsill. Huwa żied jgħid li ser jipprovaw jimminimizzaw kemm jista' jkun l-inkonvenjent għar-residenti billi jittieħdu mill-inqas spazji ta' parkeġġ u ma jkunx hemm għeluq ta' toroq li mhuwiex neċessarju.

65.8.3. Il-Kunsillier JAE qal li huwa importanti li jkun hemm bus stops temporanji matul dawn l-attivitajiet bħalma saru fi snin preċedenti.

65.8.4. Il-Kunsillier JAE qal li jidher li l-Kunsill ser ikollu staġun ippakkjat biss jistaqsi l-Kunsill u l-lokalità x'ser jieħdu lura. Huwa qal li dawn l-attivitajiet ser iġibu ammont ta' nies, skart u vetturi li ser ibatihom ir-resident u l-kunsill. Huwa ppropona li l-Kunsill jitlob lill-entitajiet li qed jorganizzaw dawn l-attivitajiet sabiex jagħtu kumpens għall-inkonvenjent li jiġi kkawżat lir-residenti.

65.8.4.1. Is-Sindku qal li f'waħda mil-laqgħat rigward l-istrateġija tal-kunsilli lokali, kien ġie propost li l-Kunsill ikollu sehem mid-dħul tal-attivitajiet.

65.8.4.2. Il-Kunsillier JAE qal li din hija idea tajba biss għadha ma ġietx implimentata u għalhekk ppropona li għal din is-sena, il-Kunsill jitlob direttament lill-entitajiet.

65.8.4.3. Is-Sindku qal li l-MTA dejjem taw kontribuzzjoni xierqa lil-lokalità.

65.8.4.4. Il-Kunsillier JAE innota dan u ppropona li l-Kunsill javviċina lill-entitajiet l-oħrajn sabiex jagħmlu l-istess.

**Nota: 19:30 Is-Sindku VB talab li jkun skużat.**

## 65.9 APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TA' EVALWAZZJONI TAT-TENDER TAL-KNIS

65.9.1. Is-SE fetaħ il-materja billi qal li kien hemm erba' offerti bl-istess prezz.

**Nota: 19:34 Is-Sindku VB rritorna għal-laqgħa.**

65.9.2. Il-Kunsill qabel li jiltaqa' mal-kuntrattur rakkomandat mil-Bord tal-Evalwazzjoni qabel ma jiġi ffirmat il-ftehim u dan sabiex jassigura li l-ftehim jiġi onorat.

## 65.10 TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

65.10.1. Il-laqgħa intemmet fit-19.40pm u b'riżoluzzjoni unanima tal-kunsillieri kollha ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 8 ta' Ġunju 2023 fil-5.00pm.

**Konfermati, illum** il-Ħamis 8 ta' Ġunju 2023

| | |
|---|---|
| (iffirmati) | (iffirmati) |
| Vincent Borg | Malcolm Agius Muscat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |